# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D

Seduta tas-27 ta' Frar, 2017

Appell Nru. 345/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Stephanie Attard**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-appellanta Stephanie Attard, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 190275M, talli fis-27 ta' Frar, 2015 u 28 ta' Frar 2015 meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta b'kuntratt biex taghti access lil Johan Calleja ghal uliedhom, irrifutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tat-22 ta' Gunju, 2015 li biha sabet lill-appellanta hatja fit-termini tal-artikolu 338(II) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ikkundannata gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Stephanie Attard, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 2015 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu l-

appellanti nstabet hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija, u alternattivament tirriformaha kwantu ghall-piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-provi mismugha minn din il-Qorti jemergi illi l-kwerelant kien irrikorra ghall-assistenza tal-Pulizija wara li l-appellanta naqset milli taghtih l-access li hu ghandu ghall-ibnu ta' darba fil-gimgha. Wara li l-Pulizija pruvaw inutilment jaghmlu kuntatt mal-kwerelanta u sahansitra marru d-dar taghha sabiex jistabilixxu l-fatti, inharget it-tahrika odjerna. L-appellanta xehedet illi dak inhar it-tifel taghha ma kienx jiflah u li kienet rieqda fil-kamra ta' gewwa fid-dar taghha. L-kwerelant izda jghid illi huwa dar erba darbiet mal-blokk fejn toqghod l-appellanta u accerta ruhu li lanqas il-vettura taghha ma kienet tinsab fl-inhawi;

2. Huwa evidenti li bejn il-partijiet hemm nuqqas serju ta' komunikazzjoni u pika liema sitwazzjoni naturalment titrasmetti ruhha u bla dubju jkollha effett negattiv fuq il-persuna li f'din l-istorja l-aktar li hija vulnerabbli, binhom. L-appellanta tghid illi binha ma kienx jiflah u ezebiet certifikat mediku bid-data li tahbat il-gurnata tal-access tal-missier. Il-kwerelant izda jghid li hu kien kellem lill-ibnu dakinhar stess u qatt ma qallu li ma kienx jiflah u ma kienx jinstema' marid u jinnega li l-appellanta ghamlet xi referenza ghall-xi certifkat

mediku. Dak li l-aktar urta lill-kwerelant, izda, huwa l-fatt konfermat mill-itess appellanta illi l-ghada filghaxija kienet tinsab gewwa stabbiliment ta' divertiment ma shabha. Dan ir-ritratt juri attivita' reklamata, kien reunioni u ma damitx hafna barra fejn allura binha hadu hsiebu l-genituri taghha;

3. L-ewwel aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-ewwel grad. L-ewwel argument taghha hu li kien hemm raguni valida ghaliex l-appellanta naqset milli taghti l-access kontrattwalment miftiehem. B'zieda ma dan tghid illi l-kuntratt li jirregola dan l-access jipprovdi illi l-kustodja tat-tifel hija wahda kongunta bejn il-partijiet bil-minuri ghandu jghix mal-appellanta. Vizitat l-artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali dan l-argument ser ikun minnufih skartat ghaliex huwa wiehed fierah;

4. Targumenta ukoll l-appellanta illi kellha raguni gusta ghaliex ma' tatx l-access. Mistoqsija minn din il-Qorti r-raguni tal-indisposizzjoni ta' binha, l-appellanta wiegbet li kienet influwenza, kellu d-deni u li t-tabib avzaha biex ma tohorgux meta c-certifikat mediku juri URTI u li hu konsiljabbli li jevita li johrog. Din il-Qorti ssibha ferm stramba li ghall-din l-infezzjoni u mhux influenza bid-deni, l-appellanta, ghal xi raguni, cahhdet lill-missier minn dan l-access meta dan seta jkun ta' wens u gid ghall-ibnu. Din il-Qorti kellha l-opportunita' tirrimarka waqt id-deposizzjoni tal-partijiet illi ssibha difficli ferm temmen kif fil-gurnata tal-lum, bil-mezzi kollha ta' komunikazzjoni, jekk verament kien jezisti dan ic-certifikat mediku, ma setghetx l-appellanta titrazmetti kopja tieghu lill-kwerelant u b'semplici messagg jiftiehmu gurnata ohra meta hu ghandu jara lill-ibnu. Jekk verament it-tifel kellu l-influwenza bid-deni d-decizzjoni taghha li l-ghada filghaxija tmur tiddeverti ma' shabha fi stabbilliment ta' divertiment u zfin kienet wahda diskutibbli;

5. Ezaminat dan kollu, din il-Qorti taqbel illi l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha meta sabet lill-appellanta hatja u ghalhekk l-ewwel aggravju qed ikun michud;

6. Kwantu t-tieni aggravju rigwardanti l-piena kominata, huwa minnu li din hija fil-paramentri tal-ligi u setghet tkun erogata mill-ewwel Qorti ghall-fatti quddiemha u ghalhekk ma hemm ebda raguni sabiex din il-Qorti tirrimpjazza d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. Ezaminati ukoll is-sentenzi citati mill-appellanta, din il-Qorti hija aktar minn konvinta minn dak ritenut mill-Qrati taghna illi kull kaz huwa separat u c-cirkostanzi ta' wiehed mhux neccessarjament huma riflessi f'iehor. Madankollu, tenut kont tal-fedina pendali nadifa tal-appellanta, hlief ghall-kontravvenzjoni wahda li milli jidher kienet tikkoncerna tilwima ma' omm il-kwerelant, jidher illi l-appellanta fehemet il-gravita ta' nuqqas ta' ottemperanza mal-ordnijiet tal-Qorti jew dawk kontrattwali b'mod partikolari fejn si tratta ta' access ghall-minuri aktar u aktar meta dak l-access huwa limitat ghal-zmien qasir matul il-gimgha. Jidher illi l-iskop tal-legislatur kien jintlahaq b'piena li sservi ta' ammonizzjoni illi ripetizzjoni, naturalment minghajr raguni gustifikata, tista' twassal progressivament ghall-sanzjoni aktar severa. Wara kollox omm inkarcerata ghal-gimgha ser tkun ta' detriment ghall-wild u li rikors ghal-tali sanzjoni ghandu jsir meta cirkostanzi jindikaw li ma hemmx triq ohra jew li l-imputat jew imputata ikunu hallew lill-Qorti minghajr xelta ohra;

7. Ghalhekk it-tieni aggravju ser ikun milqugh;

8. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tichad l-ewwel aggravju, tilqa it-tieni aggravju u konsegwentement tikkonferma is-sentenza appellata f'dik il-parti li biha sabet lill-appellanta hatja u tibdilha f'dik il-parti li biha ikkundannatha ghall-detenzjoni ta' gimgha u minflok tikkundannaha ghal-hlas ta' ammenda ta' hamsin euro (€50);